**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Maria Daisy Mizzi**
**Grazio Mizzi**

**Kumpilazzjoni Numru: 77/12**

**Illum, 27 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Maria Daisy Mizzi detentrici tal-karta tal-identita` numru 409159M; u Grazio Mizzi detentur tal-karta tal-identita` numru 529336M.

Akkuzati talli:

Talli fil-perjodu ta' bejn Ottubru 2007 u Ottubru 2011, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b'ohra sabiex iggieghlu jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u 37 centezmu (€2329.37) ghad-detriment ta' Victor Pisani (K.I. numru: 862247M) u jew ta' HSBC bank, Malta;

Akkuzat **Grazio Mizzi** wahdu:

Talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi sabiex Jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub

ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

Akkuzata **Maria Daisy Mizzi** wahedha:

Talli, fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'xi mod li jkun, xjentement ghenet jew assistiet lil Grazio Mizzi, fl-atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, meta ghad li kienet taf bl-att fil-waqt li kien qieghed isir, u ghad li stajt timpedih, hallejtu isir.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina tal-imputat Grazio Mizzi li hija wahda netta u dik ta' Mary Daisy Mizzi hi kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputati li wiegbu mhux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrihom;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tletin (30) ta' Lulju elfejn u tlettax (2013) fejn intalab li din il-Qorti ssib htija taht is-segwenti Artikoli tal-Ligi u cioe`:-

**<u>Fil-konfront ta' Maria Daisy Mizzi</u>**

- Fl-Artikolu 308,  u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 42(d), 43, 45(c) u 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Fil-konfront ta' Grazio Mizzi</u>**

- Fl-Artikoli 308 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-Qorti tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri bhala proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz iz-zewg sentenzi tal-Qrati civili datati dsatax (19) ta' Ottubru elfejn u seba' (2007) moghtija mill-Qorti Civili (326/2001/1) a fol. tletin (30) tal-process (Dok. YF 5) u dik tal-Qorti tal-Appell deciza fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Jannar elfejn u ghaxra (2010) (App Nru 326/2001/1) a fol erba' u erbghin (44) tal-process;

Semghet it-trattazzjoni estensivi tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq allegat frodi mill-imputati fejn f'succint l-imputata Mary Daisy Mizzi kienet f'relazzjoni mal-parte civile Victor Pisani meta kienet waqt separazzjoni personali minn ma' ragel iehor. Kien hemm dar matrimonjali bejn il-konjugi fejn l-imputata Mary Daisy Mizzi kellha nofs l-indiviz u gara li missierha u cioe` l-imputat l-iehor Grazio Mizzi xtara minghand l-ex ragel tat-tifla tieghu n-nofs l-indiviz l-iehor bl-intendiment li dan kien qed jagixxi bhala prestanome tal-istess Victor Pisani.

Illi r-relazzjoni ta' bejn l-imputata u Victor Pisani ddeterjorat matul is-snin u dawn finalment telqu lil xulxin. Pero` nel frattemp gara illi l-imputat Grazio Mizzi ghadda a favur ta' bintu l-imputata b'titolu ta' donazzjoni nofs l-indiviz tal-propjeta` li kien akkwista u li kienet precedentement id-dar konjugali ta' bejn l-imputata u l-ex zewgha bil-konsegwenza illi dan ittrasferixxa wkoll il-kwart indiviz tal-imsemmi parte civile Victor Pisani. Dan kollu sar waqt li kienu ghaddejjin il-kawzi civili hawn fuq imsemmija u senjatament wara li l-imputat Grazio Mizzi tilef il-kawza li kien istitwixxa il-parte civile Victor Pisani u tul il-proceduri tal-Appell istitwiti mill-imputat Grazio Mizzi. Illi ghalhekk il-parte civile inizjala dawn il-procedimenti penali kontra l-imputati.

**<u>KOSTATAZZJONIJIET LEGALI</u>**

Illi qabel ma jsir approfondiment tax-xiehda li ngabu f'dawn il-proceduri tajjeb li jigu ezaminati l-elementi tar-reat ta' frodi li hi l-akkuza principali kontra z-zewg imputati.

***<u>Ir-reat ta' frodi</u>***

Fil-fatt l-Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment:

> ***"Kull min, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi jaghmel uzu ta ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar***

***xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor . . . .".***

Illi l-gurisprudenza nostrana dejjem kienet illi sabiex tissussisti r-reat ta' truffa mhix bizzejjed is-semplici gidba, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-gidba.

Fil-fatt, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell bl-ismijiet **Pulizija v. George Manicolo** (deciza 31 ta' Lulju 1998 Onor P. Vella) intqal hekk:

> ***"Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke atti teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajjmu sentiment kif hemm indikati fl-Artikolu 308 hawn fuq citat. Irid ikun hemm il messa in xena, u ghalhekk, kif intqal, il-gideb wahedhom mhumiex sufficjenti. Iridu jkunu atti, inkluz kliem helu u perswassiv, li jwasslu lil xi hadd jemmen fl-ezistenza ta' xi haga msemmija mill-frodatur, liema haga, in realta', ma tezistix. Minbarra l-gideb ghalhekk, irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu ikun akkumpanjat b'artifizji kwazi teatrali u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici. Dan hu element ferm importanti fir-reat ta' frodi. Biex ikun hemm dawn l-artifizji, mhux bizzejjed il-kliem wahdu, izda dan il-kliem ghandu jkun elokwenti, studjat u perswassiv; ma dan it-tip ta' kliem ghandu jkun hemm xi haga esterna li apparentement tikkonferma u tipprova l-fatti assenti, cjoe' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjoni menzjoniera tal-frodatur.***
>
> ***Din il-messa in xena hi maghmula minn dawn l-artifizji jew raggiri idonei li jinducu u fil-fatt ikunu inducew lill-vittma fi zball u li bhala rizultat ta' dan l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondent qligh ghall-agent frodatur."***

Illi f'sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat fejn qalet:

> ***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […] Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […]. Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin. Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd. Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel. Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min: (a) b'mezzi kontra l-ligi, jew (b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew (c) ta' kwalifiki foloz jew (d) billi jinqeda b'qerq iehor u (e) ingann jew 11 (f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen lezistenza ta' intraprizi foloz, (g) jew ta' hila; (h) setgha fuq haddiehor jew (i) ta' krediti immaginarji jew (j) sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor. [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li lmanuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu blassistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat filligi. […] Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno,***

***raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede".***

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** ikkwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

***"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi lidea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene".***

L-istess Imhallef Flores ikompli jghid li:

***"….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi mill-provi prodotti johrog car illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq is-sekwenza ta' eventi. Dak li jikkontrasta it-tezi tal-partijiet hija fondamentalment il-kwistjoni tal-*mens rea* jew l-animu tal-imputati meta kienu qeghdin jaghmlu it-transazzjoni ta' trasferiment tal-proprjeta`.

Illi huwa minnu illi z-zmien li din saret kien zmien daqsxejn delikat bejn l-imputata u l-parte civile stante li dawn kienu ghadhom kif jitilqu lil xulxin u t-trasferiment sar ezatt wara. Illi pero` l-Artikolu 308 jipprefiggi oneru akbar fuq il-prosekuzzjoni u cioe` li l-imputati kellhom jaghmlu aktar minn gidba, huma kellhom ukoll jezercitaw serje ta' raggiri u mmaniggi fuq il-parte civile sabiex isir it-trasferiment. Ghalhekk tidhol f'dan l-istadju il-messa in xena.

Illi jinghad li f'dawn il-proceduri ma sar xejn minn dan u l-anqas tista' tghid saret xi gidba ghaliex din il-proprjeta kienet diga` f'isem l-imputat Grazio Mizzi meta sar it-trasferiment. L-unika haga li harget mix-xhieda ta' Victor Pisani hu illi hu u l-imputat Grazio Mizzi kienu qablu li l-propjeta tghaddi ghand Pisani u hu dejjem kien jirrimandalu.

Mix-xiehda tan-Nutar Victor Bisazza hareg illi meta marru ghandu l-imputati ghad-donazzjoni ricerki ma sarux ghaliex skont hu f'dawn it-tip ta' kuntratti isaqsu l-partijiet jekk iridux ricerki pero` klawzola li l-partijiet kienu qeghdin jezentawh ma saitx. Ma saritx l-anqas il-klawzola tal-litigazzjoni. Dan kollu juri li anke jekk saru r-ricerki fir-registru pubbliku dak li kien ser johrog kien l-istat ta' fatt li l-imputati kienu ko-propjetarji tal-proprjeta` in kwistjoni u fejn il-parte civile ma kien jiffigura fl-ebda istanza.

Illi mill-istqarrija tal-imputata Daisy Mizzi datata hdax (11) ta' Lulju elfejn u hdax (2011) li nghatat b'mod liberu u inkondizzjonat, hija tghid is-segwenti:

> *"Tul dan il-perjodu kollu r-relazzjoni tieghi ma' Victor baqghet ghaddejja ghal perjodu ta' zmien. Jien kont debitur lejn missieri peress li gheni ma' Pawlu. Ghalhekk jien bdejt inhallas lil missieri lura dak li hallas hu, u cioe' s-somma ta' LM3,000. Ikolli nammetti li Victor hadimni u jien m'gharaftx l-iskop tieghu billi kien issuggerixxa li f'kull pagament li naghti lil missieri kull xahar, ismu jigi indikat fir-ricevuta. Illi fil-fatt kull ircevuta tirreferi ghalija u ghal Victor Pisani. Jien ma kontx indunajt b'din il-bicca u permezz t'hekk hu dahal fin fin, billi pretenda dritt fuq il-post biex b'hekk meta qattajna l-karti kompletament, hu fetah kawza. . . .*
>
> *Nghid li d-dar Starlight inbniet minn missieri li kien bennej u dik id-dar inbniet ghal familja tieghi ghax kont diga' mizzewwga. . . Pero' minhabba l-ftehim li missieri kien ghamel ma' Pawlu, fejn missieri u ommi spiccaw b'sehem mill-post, din il-haga bdiet tweggali rasi. Dan qed nghidu ghax jien kont konxja mill-fatt li ommi u missieri li huma diga' ta' certa eta', meta jigu neqsinn huti jidhlu bis-sehem fil-post. Ghalhekk jien bl-ebda mod ma ridt li jkolli dan l-inkwiet fejn diga' kelli bizzejjed fuq il-platt tieghi. . . . jien kont mort inkellem l-Avukat Busuttil flimkien ma' missieri, fejn ahna gharrafnieh bil-problema u hu kien issuggerixxa li isir testment. Pero' l-avukat kien qalilna li t-testment jista' jinbidel u biex noqoghdu attenti minnha.*
>
> *Li nista' nghid hu li din il-kwistjoni ta' huti kienet qed iddejjaqni wisq, u cioe' li jkollhom xi forma ta' dritt fuq id-dar Starlight, ghalhekk biex tigi sorvolata din il-problema gie suggerit li ssit donazzjoni. . . . Naturalment permezz ta' dan il-kuntratt din bl-ebda mod ma kienet se taffettwa lil Victor Pisani, u cioe' f'kaz li meta l-kwistjoni tigi deciza finalment jien jiddielja mieghu direttament."*

Illi rrizulta wkoll mill-proceduri illi kienu saru diversi negozjati ma' Victor Pisani sabiex huwa jithallas l-ammont dovut lilu. Illi ghalhekk, minkejja l-fatt li forsi l-kuntratt ta' trasferiment tal-porzjon tal-parte civile ma setax isir, xorta wahda ma kienx pregudikat ghaliex l-imputata qatt ma nnegatlu sehmu mill-prezz. Dan qed jinghad ghaliex waqt li huma kienu ghadhom flimkien forsi kienet taghmel sens illi l-parte civile jkollu l-porzjon tieghu indiviz, wara li dawn telqu lil xulxin din il-possibilita` ma kienitx aktar taghmel sens.

Illi l-istqarrija tal-imputat Grezzju Mizzi tohrog l-istess animu li hareg mill-istqarrija ta' Mary Daisy Mizzi.

Illi ghal dawn il-motivi ir-reat ta' frodi bl-ebda mod ma' giex ippruvat kontra l-ebda wiehed mill-imputati.

***Dikjarazzjoni Falza***

Artikolu iehor importanti li bih l-imputati huma akkuzati huwa r-reat ta' dikjarazzjoni falza li jinsab taht l-istess kappa ta' reati mar-reat ta' frodi. Dan jghid hekk:

> ***188(1) Kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.***
>
> ***(2) Meta d-dokument imsemmi fis-subartikolu (1) ma jkunx wieħed intiż għal xi awtorità pubblika, il-piena għandha tkun dik ta' priġunerija li ma tkunx iżjed minn sena jew multa.***

Fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Karl (Carmel) Azzopardi** (deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-22 ta' Marzu 1999), gie ritenut li:

> ***"Skont l-artikolu 188 tal-Kap 9, m'hemmx ghalfejn id-dokument ikun falz. Skont dan l-artikolu huwa bizzejjed li wiehed jipprezenta dokument li jkollu taghrif qarrieqi. Jigifieri, hawn m'hemmx bzonn li jinholoq dokument falz (ex novo) jew li dokument genwin (bhal,***

> ***per ezempju xi certifikat tat-twelid ikollu xi dettalji mibdulin). Xejn minn dan kollu. F'dan il-kaz huwa t-taghrif li kien fih id-dokument li kien falz."***

Inoltre fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tonio (Antonio) sive Tony Debono** (deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Marzu 1999), il-Qorti spjegat is-segwenti punti:

> ***"Il-Kodici Kriminali fid-definizzjoni tar-reati li jaqghu taht lintestatura ta' falsifikazzjoni ta' skritturi pubblici jew privati, ma jaghmel ebda referenza ghat-tip ta' intenzjoni rikjest ghall-ezistenza ta' dawn r-reati, salv ghall-artikolu 180 tal-Kap 9, li l-imputat mhux akkuzat bih. Pero dan ma jfissirx li fir-reati li jaqghu taht din lintestatura d-dolus mhux necessarju".***

Fil-fatt fin-noti tieghu dwar il-Ligi Kriminali l-**Professur Mamo** dwar ir-reat ta' falsifikazzjoni jghid is-segwenti:

> ***"an intention merely to deceive, that is to represent as genuine a document which is known to be false, is sufficient...or perhaps more correctly it can be said that the intention to defraud or alter the rights of others does not require to be proved, because such intention is presumed by the law from the very fact of the forgery of the document in any one of the manners specified by law."***

Skond Carrara mhux bizzejjed li dak li ghamel il-falsifikazzjoni kellu l-intenzjoni li jiffalsifika, pero` li kien jaf li dik il-falsifikazzjoni kienet kontra l-ligi u l-potenzjalita` setghet tikkaguna pregudizzju.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali bl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Lebrun** (1945) gie deciz li:-

> ***"trattandosi ta' dokumenti pubblici falsifikati, il-fatt stess tal-falsifikazzjoni jikkostitwixxi l-ingann u l-hsara, jigifieri l-vjolazzjoni tal-fiducja li tinghata lid-dokument pubbliku."***

L-istess Qorti fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Michael Carter** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminal fis-7 ta' Dicembru 2001) irriteniet:

> ***"l-Artikolu188 jikkontempla kaz ta' falz ideologiku u mhux falz materjal kif jikkontempla l-artikoli 181 u 182."***

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Caruana** (deciza mill-Qorti ta' l-Appel Kriminali fid-9 ta' Gunju 2010) spjegat id-differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideolgiku:

> ***"Id-differenza bejn il-falz materjal u l-falz ideolgiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li l-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi falsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, Manuale di Diritto)."***

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jesmond Ciantar et** deciza fl-1999 gie ritenut illi:

> ***"l-akkuzat Ciantar gie wkoll akkuzat bir-reat kontemplat fl-artikolu 188 tal-Kap. 9 u cioe' talli sabiex kiseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nnifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz. Dan igibna fir-realm ta' jekk l-ewwelnett id-dokument falz imsemmi flartikolu in desamina iridx ikun falz materjali jew falz ideolgiku. Filfalz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' filkontenut ideali tieghu... meta l-falz ideologiku ghalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' verdico perche' colui che lo ha fornito gli fa alter cioe' contrarie al vero." Allura hija cara mis-sentenzi succitati illi sabiex wiehed ikun xjentement ghamel dikjarazzjoni falza irid ikollu d-dolo li dak li hemm fid-dokument hu falz."***

Illi dan ir-reat jorbot intrinsikament ma' dak ta' frodi b'dan li ghandu jigi ppruvat l-element ta' gwadann. Illi kif diga` ntqal f'dawn il-proceduri ma giex ippruvat l-ebda gwadann lill-imputati u meta sar il-kuntratt id-dikjarazzjonijiet li saru kienu kollha veritjieri. Li kieku gew mitluba sabiex jaghmlu il-klawzola tal-litigazzjoni u huma kienu jezentaw lin-nutar minnha jew addirittura jghidu li ma kienx hemm litigazzjoni, din certament kienet tikkostitwixxi dikjarazzjoni falza jew qarrieqa izda b'dak li stqarru l-imputati fil-kuntratt ta' donazzjoni ma sar xejn minn dan.

Ghal dawn il-motivi jinghad li l-ebda wahda mill-akkuzi ma gew ippruvati u ghalhekk qed tillibera lill-imputati **Grezzju Mizzi** u **Maria Daisy Mizzi** mill-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom.

__________________________________________
**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**